32004R0590

31.3.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 94/5

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 590/2004

## tat-30 ta' Marzu 2004

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2921/90 dwar l-ammont ta' l-għajnuna għall-produzzjoni tal-kaseina u l-kaseinati mill-ħalib xkumat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u fil-prodotti tal-ħalib ([1]), u partikolarment l-Artikolu 15(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2921/90 ta' l-10 ta' Ottubru 1990 dwar l-għajnuna għall-produzzjoni tal-kaseina u l-kaseinati minn ħalib xkumat ([2]) jistabbilixxi l-ammont ta' l-għajnuna għall-produzzjoni tal-kaseina u l-kaseinati minn ħalib xkumat. In vista tal-iżvilupp fil-prezz tal-kaseina u l-kaseinati fis-suq tal-Komunità u fis-swieq dinjija, l-ammont ta' l-għajnuna għandu jkun imnaqqas.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2921/90 għandu jkun emendat kif xieraq.

(3) Il-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu (2)1 tar-Regolament (KEE) Nru 2921/90, iċ-ċifra "EUR 6,30" hija hawnhekk mibdula biċ-ċifra "EUR 6,00".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Marzu 2004.

*Għall-Kummissjoni*
Franz FISCHLER
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 186/2004 (ĠU L 29, tat-3.2.2004, p. 6).
([2]) ĠU L 279, tal-11.10.1990, p. 22. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2208/2003 (ĠU L 330, tat-18.12.2003, p. 19).